22 ta' Frar, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Alfred Tonna *versus* Salvatore Cassar Mallia et.

**Self — Mara — Fidejussjoni — Nullità — Awtorizzazzjoni tal-Qorti — Kummerċjant — Obligazzjoni.**

*Il-mara li tgħin lir-raġel fin-negozju tiegħu hija "uxor mercatoris", u mhux "foemina mercatrix"; u għad-debiti ta' dak in-negozju huwa responsabili esklużivament ir-raġel.*

*Il-mara li tikkostitwixxi ruħha debitriċi flimkien mar-raġel a favur ta' terza persuna mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tirrendi ruħha garanti ta' żewġha; u l-obligazzjoni tagħha hija nulla fil-każ, fost oħrajn, li d-dejn, għalkemm oriġinarjament ġie assunt miż-żewġ konjuġi, ġie assunt għal kawżi li għalihom hu tenut esklużivament ir-raġel, jew li għalihom huwa kien tenut prinċipalment li jipprovdi, u din iċ-ċirkustanza kienet magħrufa lill-kreditur meta ġie kkuntrattat id-dejn.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, premessi kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u provvediment opportun, il-konvenuti flimkien u "in solidum" jiġu kundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' £97. 10. 0, kwantu għal £28. 15. 0 bilanċ ta' £68. 15. 0 ammont ta' tratta li skadiet fil-15 ta' Lulju 1949 (Dok. A anness maċ-ċitazzjoni), u kwantu għal £68. 15. 0 ammont ta' tratta li skadiet fil-15 ta' Ottubru 1950 (dok. B anness maċ-ċitazzjoni)—liema ammonti ġew mogħtija lill-konvenut mill-attur b'titolu ta' self għall-bżonnijiet tal-familja. Bl-imgħax kummerċjali mir-relativi skadenzi, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Ottubru 1950 u tal-mandat ta' qbid tad-9 ta' Diċembru 1950, kontra l-konvenuti, interpellati għas-subizzjoni;

Trattata l-kawża;

Fil-kontumaċja tal-konvenuti;

**Ikkunsidrat;**

Illi ż-żewġ konvenuti (li ġew misjuba bħala xhieda bl-ordni tal-Qorti) ammettew id-debitu fix-xhieda tagħhom; però, ċjò non ostante, hemm lok għall-eżami tal-kwistjoni jekk il-konvenuta hijiex responsabbli u jekk għandhiex titnaqqas xi użura;

Mill-provi deher illi l-mutwu sar għall-bżonnijiet tan-negozju tal-konvenut. Il-konvenuta, martu, tgħinu f'dan in-negozju; imma hu ċar li hija mhijiex il-"foemina mercatrix", iżda l-"uxor mercatoris". Għalhekk għad-debitu kien esklużivament responsabili l-konvenut. Dawn iċ-ċirkustanzi, kif jidher mix-xhieda ta' l-attur stess, kienu lilu noti;

Issa, f'sentenza mogħtija mill-Imħallef Prof. Edgar Ganado, "Magri vs. Debono", 30 ta' Novembru 1933, li fiha kull aspett ta' din il-kwistjoni ġie studjat a fondo, ġie statwit illi "la costituzione di un debito per parte di una donna maritata unitamente al marito a favore di un terzo, sia in solido sia pro rata, senza l'abilitazione giudiziaria, si risolve in una fideiussione. Tale costituzione di debito è nulla (a) ........... (b) se, quantunque il debito sia stato originariamente assunto da amendue i coniugi (kif kien il-każ), esso fu contratto per cause alle quali il marito era esclusivamente, o anche principalmente, tenuto di provvedere, e tale circostanza era nota al creditore al tempo della contrattazione";

Kompla jgħid l-Imħallef Prof. Ganado, illi "la direzione di un negozio del marito non dà alla moglie la qualità di commerciante, ed i debiti da lui contratti pel negozio sono esclusivamente a peso del marito";

Għalhekk, f'dan il-każ, l-obligazzjoni assunta fil-kambjalijiet favur l-attur mill-konvenuta, bħala obligazzjoni ta' fidejussjoni favur żewġha mhux bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, kienet nulla;

Kwantu għall-użura;

***Omissis;***

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi;

Billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' £72. 10. 0 flimkien ma' l-imgħax, kalkolabili a skaletta mill-ġurnata ta' l-iżborż. L-attur, jekk ikun irid jeżegwixxi din is-sentenza anki għall-imgħax, u qabel ma jeżegwiha għall-im-

għax, għandu jipprezenta prospett ta' dawn l-imgħax, hekk kalkolati, u jikkonfermah b'ġurament;

L-ispejjeż ta' dan il-kap jitħallsu ottav mill-attur u seba' ottavi mill-konvenut;

Tiddikjara nulla l-obligazzjoni tal-konvenuta, u konsegwentement tirrespinġi d-domanda in kwantu diretta kontra tagħha. L-ispejjeż ta' dan il-kap bla taxxa, dritt tar-reġistru relativ għak-kariku ta' l-attur.